V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6274 – Bridgepoint/Eurazeo/Foncia Groupe)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 181/06)

1. Fil-15 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Bridgepoint Europe IV Investments (2) Sàrl (Luxembourg), li l-kontroll aħħari tagħha huwa f'idejn Bridgepoint Capital Group Limited ("Bridgepoint", Ir-Renju Unit), u Eurazeo SA ("Eurazeo", Franza) jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Foncia Groupe SA ("Foncia", Franza) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Bridgepoint: investitur ta' ekwità privata f'kumpaniji attivi f'firxa wiesgħa ta' setturi inklużi servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa u mezzi tax-xandir,

— għal Eurazeo: kumpanija ta' investiment attiva f'firxa wiesgħa ta' setturi inkluż il-kiri ta' karrozzi, il-ġestjoni ta' parkeġġi tal-karrozzi, investiment fil-proprjetà immobbli u l-kiri/tindif ta' tessuti,

— għal Foncia: grupp li jispeċjalizza fis-servizzi tal-ġestjoni ta' proprjetajiet residenzjali l-aktar fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6274 – Bridgepoint/Eurazeo/Foncia Groupe, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË